**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 218/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur N Ciappara***
***vs***
***John Vella***

Illum 19 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis u Traffikar ta' l-istess droga.**

Illi l-imputat ammetta il-pussess illegali semplici ta' l-imsemmija droga u ghaldaqstant din il-parti ta' l-akkuzi tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghat-traffikar il-Qorti tosserva li mill-kumpless tal-provi irrizulta ambjament illi fil-perjodi inkriminat waqt li l-imputat kien qieghed ipejjep joint tal-haxixa shabu talbuh nifs u dan accetta. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma thossx li jista jikkonfigura ir-reat tat-traffikar u ghalhekk din il-parti ta' l-akkuza ma tistax treggi.
In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat u thoss opportun li f' dan il-kaz takkorda l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati ta' pussess illegali semplici ta' l-imsemmija droga skond l-akkuza 2 ai termini tar-regolament 8 GN 292/39 u;  izda tilliberah bil-***kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

Ma ssibux hati ta' l-ewwel akkuza u tilliberah minnha.

Illi in fine l-Qorti tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***